8 ta' April, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Gustavo Micallef** *versus* **Eleonora sive Nellie Micallef et.** (*)

**Alimenti — Ripetizzjoni — Azzjoni "de in rem verso" — Preskrizzjoni — Art. 24 (2) u art. 20 tal-Kodiċi Civili.**

*L-omm ma hix obligata trodd lill-uliedha l-manteniment li hija tkun irċeviet minn għandhom.*

*Min ikun ipprestaw dawk l-alimenti lanqas jista' jirripetihom, bis-saħħa ta' l-azzjoni "de in rem verso", minn għand min ma kellux mezzi biex iħallas dawk l-alimenti meta dawn ġew prestati. Għax biex ikun hemm lok għal din l-azzjoni jrid ikun hemm obligazzjoni li ġiet soddisfatta minn persuna diversa minn dik li kienet obligata.*

*Fejn ma hemmx obligazzjoni ma hemmx azzjoni; u fejn ma hemmx obligazzjoni u azzjoni ma hemmx lok għall-preskrizzjoni.*

L-attur fit-taħrika qal li hu kien issellef il-flus indikati fil-prospett markat "A" biex jgħin lill-ġenituri tiegħu fil-bżonnijiet tagħhom,—flus li ma ġew qatt restitwiti lilu; li b'dawk il-flus hu avvantaġġja lill-imsemmijin ġenituri tiegħu, kif ukoll lil

(*) Konfermata fl-Appell, 20. 12. 46.

ħutu, kompriża l-konvenuta li pparteċipat mill-benefiċċju ta' dawk il-flus; u li ħutu, kompriża l-konvenuta, ma għenux kif kien imisshom lill-ġenituri, u obligati jirrifondulu sehemhom mill-flus lill-istess ġenituri minnu forniti (arg. art. 19 Ord. I ta' l-1873); u talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenuta fil-kwalitajiet tagħha fuq imsemmija tiġi kundannata tħallsu u tirrifondilu dik is-somma li tirriżulta dovuta għar-raġunijiet premessi. B'riżerva ta' drittijiet oħra, bl-ingħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenuta proprio et nomine;

*Omissis;*

Il-Qorti tosserva li tal-manteniment li tirċievi minn għand uliedha l-omm mhix obligata trodd xejn lil dawk l-ulied (art. 21 (2) u 29 Kodiċi Ċivili). Għaldaqstant bħala werrieta ta' ommha l-konvenuta ma hi obligata trodd xejn lill-attur mill-flus li dana ħareġ għall-manteniment t'ommu. F'isimha proprju l-konvenuta anqas ma hija obligata trodd xejn, għax qatt ma kienet obligata tmantni l-ġenituri meta kien qed imantnihom in parti l-attur, għax mezzi ma kellhiex. Biex ikun hemm l-azzjoni "de in rem verso" irid ikun hemm obligazzjoni soddisfatta minn persuna diversa minn dik li kienet obligata. Bħala werrieta ta' ħutha Charles u Roger, mill-kumpless tal-provi ma ġiex pruvat soddisfaċentement li l-attur ħallas il-manteniment lill-ġenituri flokhom, il-għaliex mill-provi ma jirriżultax li Charles u Roger kellhom mnejn u naqsu milli jmantnu lill-ġenituri fil-miżura tal-mezzi li kellhom. U' tabilħaqq, it-tnejn kienu jikkontribwixxu għall-manteniment tal-ġenituri, u l-attur ma ppruvax li dawk ħutu kienu fi grad li jħallsu iżjed u li l-manteniment li ħallas hu kellu fil-fatti jiġi mħallas in parti minn dawk ħutu; u mhux preżumibili li l-attur kien jibqa' jħallas għalihom u jistenna sa wara mewthom biex jeżerċita l-azzjoni "de in rem verso" li kieku, meta ħareġ il-manteniment, ma kienx persważ li kien qiegħed jissoddisfa obligazzjoni tiegħu nnifsu u mhux obligazzjoni ta' ħutu. U li huh Roger kien qiegħed joħroġ il-manteniment lill-ġenituri jirriżulta ċar mis-sentenza ta' dil-Qorti tat-18 ta' Frar 1931, in re "Maria Dolores Micallef vs. Maġġur Ruggiero Micallef" imsemmija mill-partijiet fis-smiegħ tal-kawża, fejn il-Qorti preċiżament ikkunsidrat il-kwistjoni tal-kreditu li l-mara ta' dak Ruggiero Mical-

lef ippretendiet kontra żewġha mimħabba li dana kien mantna lill-ġenituri tiegħu. Għaldaqstant l-attur ma għandu ebda dritt jitlob ir-rifużjoni li talab kontra l-konvenuta; għax dak li ħallas kien dovut minnu nnifsu u mhux minn ħutu, u għalhekk bil-ħlas huwa sodddisfa obligazzjoni personali u ma vvantaġġjax lil ħutu bil-ħlas;

*U ladarba* huwa hekk, u obligazzjoni ma hemmx u lanqas azzjoni, lok ta 'preskrizzjoni ma hemmx; għax ma hemmx preskrizzjoni fejn ma hemmx obligazzjoni u azzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiddikjara li ma hemmx lok ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mill-konvenuta, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż; u tiċħad ittalba, bl-ispejjeż kontra l-attur.